

21998D0709(09)

L 193/48

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

9.7.1998

**ID-DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE****Nru 92/97****tad-9 ta' Diċembru 1997**

**li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) mal-Ftehim dwar iż-ŻEE**

Il-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat mill-Protokoll li Jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala l-Ftehim, u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi l-Anness II mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 79/97 tat-12 ta' Novembru 1997 (¹);

Billi d-Direttiva 96/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Settembru 1996 li temenda d-Direttiva 67/548/KEE dwar l-apprōximazzjoni ta' liġijiet, regolament u dispożizzjonijiet amministrattivi konnessi mal-klassifika, ippakkjar u ttikkettjar ta' susanzi perikolużi (²) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej għandu jinżdied fil-punt 1 (Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE) fil-Kapitolo XV ta' l-Anness II mal-Ftehim:

**“— 396 L 0056:** Direttiva 96/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Settembru 1996 (ĠU L 236, tat-18.9.1996, p. 35).”.

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva 96/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-lingwi Islandiża u Norveġiża, li huma annessi mal-versjonijiet tal-lingwi rispettivi ta' din id-Deċiżjoni, huma awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-10 ta' Diċembru 1997, sakemm in-notifikasi kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fit-Taqsima ŻEE ta', u fis-Suppliment ŻEE ma', il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmula fi Brussel, fid-9 ta' Diċembru 1997.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

E. BULL

(¹) ĠU L 134, tat-7.5.1998, p. 6.

(²) ĠU L 236, tat-18.9.1996, p. 35.